# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

**PAPA KLEMENT VII**

Gulju di Giuliano de Medici twieled go Firenze xahar wara li missieru Giuliano gie assassinat. Zijuh Lorenzo l-Manifiku ha hsieb jaghtih l-edukazzjoni mehtiega. Ommu mietet u hallietu orfni.





Gulju nhatar Kavallier ta' Rodi u Gran Prijur ta' Capua u meta kuginuh Giovanni de Medici gie elett papa bhal Ljun X malajr sar figura prominenti f'Ruma. Ljun X hatru ministru principali tieghu biex jaghtih pariri u anke biex jiehu hsieb l-interessi tal-familja Medici gewwa Firenze bhala arcisqof ta' dik il-belt. F'Settembru 23, 1513 huwa hatru kardinal u sitt ijiem wara gie konsagrat . Kien l-

operatur principali tal-politika li wettaq Ljun X tul il-pontifikat tieghu.

Ghalkemm fil-konklavi biex jintghazel is-successur ta' Ljun X il-Kardinal Medici kellu cans kbir li jintghazel, kellu dizappunt, ghax ix-xorti ma waqghetx fuqu . Izda huwa kien parti mportanti biex jigi determinat Adrianu VI li dam biss ftit xhur u li mieghu kellu influwenza kbira. Issa rega' sab ruhu f'pozizzjoni tajba biex ikun maghzul kif fil-fatt gara u ha l-isem ta' Klement VII.

Ghalkemm hu kien bniedem ta' morali tajba u mohhu 'l boghod mill-hwejjeg tad-dinja, kien indeciz hafna f'dak li kien ikun irid jaghmel. Fi ftit  kliem ma kienx il-papa adatatt ghal dawk iz-zminijiet difficli.  Meta lahaq papa, Klement VII baghat lil-arcisqof ta' Capua, Nikolaus Cardinal von Schonberg ghand ir-reijiet ta' Franza l-Ingilterra u Spanja biex igib il-paci gewwa l-Ewropa.  Imma it-tentattiv tieghu falla.

Il-politika tieghu bhala kap tal-knisja lejn il-mexxejja tal-pajjizi kienet timbidel skond ic-cirkustanzi, tant li f'mument minnhom Karlu V sejjhalu "lupu" minflok "rghaj" . Dan it-tibdil kien il-kawza li fil-kurja rumana inholoq partit imperjali. Is-suldati tal-Kardinal Colonna serqu l-belt tal-Vatikan u hadu

kontroll ta' Ruma f'ismu. Il-papa umiljat wieghed li jgib l-istati papali lejn in-naha imperjali.

Ruma kompliet tghaddi minn aktar inkwiet fejn is-serq, qtil u vandalizmu kienu haga komuni. Fost dan l-inkwiet il-papa sab kenn fil-kastell Sant'Anglu imma ftit wara kellu jcedi u jhallas is-somma ta' 400,000 dukati ghall-helsien ta' hajtu flimkien ma' kundizzjonijiet ohra. Klement inzamm habsi fil-kastell ghal sitt xhur. Huwa irnexxilu jahrab billi xahham xi uficcjali u telaq liebes ta' vjaggatur fejn sab kenn gewwa Orvieto u aktar tard gewwa Viterbo.

L-ghedewwa tal-Medici hadu opportunita' mit-tahwid u regghu keccew lill-familja Medici minn Firenze. F'Gunju tas-sena ta' wara regghet bdiet issaltan il-paci u l-kwiet u Karlu V accetta li l-qawwa Medici terga' tieghu postha gewwa Firenze. Il-Papa sussegwiment kien servili lejn l-imperatur f'affarijiet politici u fl-istess hin kien jinqeda' b'din il-hbiberija biex igieghel lill-imperatur jiehu azzjoni drastika kontra l-Luterani fil-Germanja.

It-tmien ta' hajtu issa kien fil-qrib. F'Settembru 1534 huwa miet f'Ruma wara marda li hakmitu.  Ftit jiem qabel il-mewt

tieghu huwa ordna lil Michelangelo biex jibda il-pittura ta' l-Ahhar Gudizzju fil-Kappella Sistina.

Neriku VIII re ta' l-Ingilterra kiteb ukoll kontra Luteru u fil-politika tieghu kien favur il-papa. Imma l-gidba li kellu lejn Anna Boleyn wriet kemm kien dghajjef fil-principji nsara tieghu. B'qawwa kbira huwa talab ripetutament biex iz-zwieg tieghu ma Katarina d'Aragon ikun dikjarat null. Klement xewqan li jaqta' xewqet Neriku VIII kien jittama li tinqala' xi haga li tibdel is-sitwazzjoni u qaghad ikarkar riglejh. Imma hu kien qed jittama kontra kull tama ghax dak li xtaq li jinqala ma sehh qatt, meta l-fatti kollha kienu juri haga wahda biss u decizzjoni wahda biss kienet possibbli: iz-zwieg ta' Neriku ma Katarina ta' Aragon kien wiehed vaildu. Neriku ma qaghadx jistenna d-decizzjoni finali. Fis-sena 1534 huwa ppubblika numru ta' ligijiet anti kattolici billi sforza lill-knisja ta' l-Ingilterra biex taqa' kull rabta ma' dik ta' Ruma.